# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 22 ta' Jannar 2001**

**Avviz. numru 1244/97**

**Numru 29**

**Emanuel Mifsud**

**vs**

**John Cachia**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni ikkagunati lill-attur mill-konvenut fil-vettura tieghu Transit numru tar-registrazzjoni Y-2187 meta nhar il-25 ta' Lulju 1996 il-konvenut dahal bil-vettura tieghu Toyota Nru D-0356 fil-vettura tal-attur fuq imsemmija u dan l-incident gara minhabba negligenza, traskuragni, imperizija u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez . Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta' kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux l-elf lira.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (a fol 4 tal-atti) li biha eccepixxa bir-rispett illi d-domandi attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li ghall-incident stradali "de quo" kien unikament responsabbli Emanuel Mifsud minhabba negligenza u nosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur biss.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-kollisjoni in esami grat fl-inkrocju, minn fuq l-iskizz anness a fol 26 tal-atti, ta' Triq Santa Margerita, minn fejn kien hiereg il-konvenut u Triq l-Annunzjata ghal Triq il-Qaneb fejn kien diehel l-attur. Waqt is-smiegh tal-provi sar referenza ghal sinjal ta' "stop" (mhux minn fuq l-imsemmi skizz). Difatti PS 1492 Joseph Pace (fol 23 ibid) xehed testwalment "Ma nafx x'kienet ir-raguni pero minn fejn kien hiereg il-konvenut ....... fi Triq (Santa) Margerita kien hemm "stop sign" pero din tnehhiet. Meta gara l-incident din kienet tnehhiet diga". In rigward iz-zewg toroq hu iddeskrivihom bhala "wesghin" u "ma jidhirlix li minn dawn it-toroq jghaddu karozzi tal-linja". In rigward l-istess sinjal Mark Muscat, prodott mill-konvenut u residenti fil-vicinanzi (Fol 30 et seq

ibid) xehed li “Fi Triq Santa Margerita mal-art kien hemm “stop sign” ossija li “(l-)ewwel tlett ittri kienu jidhru pero’ fuq ir-rimanenti tal-ittri kien hemm dghajsa wieqfa”. Dwar l-istess punt, l-attur esebixxa diversi ritratti (fol 14 tal-atti) mehudin madwar tlett xhur wara l-incident minn fejn jidher is-sinjal ta’ “stop” imsemmi visibbli izda akkwantu mhux car. Illi ghalhekk, wara li gie meqjus il-premess, ghandu jinghad li l-imsemmija “stop sign” effettivament ma kienetx tnehhiet u kienet visibbli ghal minn kien qed jsuq b’certa attenzjoni fi Triq Santa Margerita.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, il-konvenut kien obbligat li kif qed javvicina dan l-inkrocju, hu kellu jnaqqas il-velocita’ tieghu. Dan ma jidhirx li ghamlu kif jindikaw il-”brake marks” twal madwar hdax (11) il-metru skond l-imsemmi skizz. In rigward dan hu xehed li hu kien ghadu kemm wassal lill-martu ghand ommha fil-vicin “u kont ghadni kemm qlajt minn hdejn id-dar taghha”. Wara li qal li ma kienx jaf liema velocita’ kien qed jsuq, hu kompla jixhed li ma kienx ra lill-attur johrog minn fuq il-lemin tieghu. Fl-ebda hin ma qal li filfatt kien waqaf qabel is-sinjal ta’ “stop” sabiex jesplora it-triq fuq il-lemin tieghu u fuq ix-xellug. L-imsemmi <u>Mark Muscat</u>, passiggier mal-istess konvenut xehed, fuq dan

“Ahna ma waqafniex fuq l-”stop sign”, filfatt bqajna hemmhekk ghaddejjin”.

Ikkunsidrat

Illi l-attur (Fol 10 u 27 et seq ibid) xehed dwar id-dinamika tal-incident li “kif kwasi qsamt il-cross road” kollha kemm hi, filfatt qabel ma qsamt il-”cross road” jiena ittawwalt, rat li ma kien gej hadd u qsamt ..... Kif kwazi qsamt, il-”cross road” jiena smajt hoss ta’ “brake” f’daqqa. Filfatt id-daqqa qlajtha fuq wara fejn hemm id-”double wheel” tax-xellug (ara ukoll ix-xhieda ta’ Annalise Coppini riekba fuq il-”minibus” tal-attur, a fol 19 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi jidher li l-incident gara unikament minhabba sewqan traskurat da parti tal-konvenut li injora sinjal ta’ “stop” mal-art, vizibbli ghalih u baqa’ jsuq minghajr ma esplora il-lokalita’ fil-vicin sabiex jara jekk hux gej traffiku iehor, specjalment mill-lemin tieghu minn fejn kien gej l-attur li jidher li kien kwazi qasam ghal kollox l-inkrocju imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi in rigward il-likwidazzjoni ta' danni, mhux kontestati jidher li dawn kienu jammontaw ghal Lm571 (a fol 28 ibid ossija Dok EM1 sa EM4).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-istess konvenut;

2) tillikwida id-danni dovuti bhala Lm571;

3) tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta' Lm571 bl-imghax legali millum stess sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Dep.Reg